**Talbiet**

— temenda d-deċiżjoni kkontestata billi tilqa' l-oppożizzjoni b'mod sħiħ u tiċħad l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 12877676;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2016 – Isocell vs EUIPO – iCell (iCell. Insulation Technology Made in Sweden)

**(Kawża T-777/16)**

(2017/C 014/55)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Isocell GmbH (Neumarkt am Wallersee, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Thiele, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* iCell AB (Älvdalen, l-Isvezja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "iCell. Insulation Technology Made in Sweden" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 882 023

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Lulju 2016 fil-Każ R 181/2016-1

**Talbiet**

— temenda d-deċiżjoni kkontestata billi tilqa' l-oppożizzjoni b'mod sħiħ u tiċħad l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 12882023;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2016 – Rühland vs EUIPO – 8 seasons design (Leuchten)

**(Kawża T-779/16)**

(2017/C 014/56)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Lothar Rühland (Wendeburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. P. Schrammek, C. Drzymalla, S. Risthaus u J. Engberding, avukati)